MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 231/2013

**N L S**

**vs**

**D W;**

**u b'digriet datat 20 ta' Frar 2014**

**id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici N L S li jaqra bil-mod segwenti:-

1. Illi hija twieldet fil-3 ta' Awwissu 1995 u illum ghandha tmintax-il sena;

2. Illi minn l-att tat-twelid taghha jirrizulta li meta ommha Sharmain Joan S irregistrat it-twelid taghha, hija irregistrata fuq missier li sa dakinhar ma kienx maghruf;

3. Illi l-attrici taf li missierha huwa il-konvenut D W;

4. Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' taghha permezz ta' fatti kif ukoll b'testijiet genetici;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara illi l-konvenut D W huwa l-missier naturali taghha;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid taghha (ATT 3294) billi fil-kolonna intestata' 'isem u kunjom missier it-tarbija', jigi jaqra 'D W'; u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, inkwantu jirreferu ghal missier, jigu indikati konsegwentement billi jigu inidkati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra 535764M; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra l-eta ta D W'; taht il-kolonna 'twieldu' jigi jaqra 'il-post ta' twelid ta' D W'; taht il-kolonna 'joqghodu' jigi jaqra Mellieha Malta; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra isem missier D W u jekk ghadu haj jitnizzel haj jekk le jitnezzel mejjet.

Bl-isepjjez inkluz dik ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Awwissu 2013 u it-test tad-DNA kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rar ir-risposta guramentata tal-konvenut D W li taqra kif gej:-

1. Illi l-ewwel darba illi huwa kellu xi hjiel dwar dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti kien f' Awissu tal-2013 meta huwa gie notifikat bl-ittra ufficjali esibita bhala Dok. B mac-citazzjoni promotorja u dana stante illi meta twieldet ir-rikorrenti huwa kien mar l-isptar izda gie mibghut lura;

2. Illi kwantu ghall-mertu l-espoenti ma jsib ebda oggezjoni illi jsir dak kollu legalment permissibli sabiex tigi stabilita l-paternita' tar-rikorrenti u minn issa jiddikjara li qed iqieghed lilu nnifsu ghad-diposizzjoni totali ta' din l-Onorabbli Qorti ghal kwalsiasi ezami mediku li dina l-istess Qorti joghgobha tordna.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-attrici, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jinvita lill-intimat D W sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) 1-eta tieghu meta twieledet l-attrici, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-attrici, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk 1-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet l-attrici. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-attrici;

3. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Xhieda ta' l-attrici N L S:-

*"Jiena twelidt fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (1995) u ommi kienet irregistratni fuq ic-certifikat tat-twelid bhala li missieri ma kienx maghruf. Meta bdejt nikber pero kont staqsejta minn kien missieri u kienet qaltli li kien D W li mieghu kellha relazzjoni qasira ftit qabel t-twelid tieghi.*

*Naf li konna morna nitkelmu mal-avukat u D W kien gie mitlub biex jirrikonoxxini bhala bintu. Din l-ittra giet mibghuta pero D W ma kienx irrispondiha. Jien kont ghalaqt tmintax-il sena (18) u ghalhekk ergajt bghatlu ittra bil-Qorti din id-darba f'ismi sabiex nurih l-istess xewqa. Ghat-tieni darba D W reggha injora x-xewqa tieghi".*

Xhieda ta' Sharmain Joan S, omm l-attrici:-

*"Fis-sena elf disgha mija erbgha u disghin (1994) jien kelli tmintax-il sena u kelli relazzjoni ma' D W li dak iz-zmien kien mizzewweg. Minn liema relazzjoni jien kelli tifla li semmejta N. N twieldet fit-3 ta' Awwissu 1995 u illum hija ghandha tmintax-il sena (18);*

*Din ir-relazzjoni ma' D W kienet biss ta' ftit xhur peress li kien mizzewweg u ghalhekk jien kont waqaft fil-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994). Ftit xhur wara t-tqala jien kont infurmajtu li jiena kont tqila bit-tarbija tieghu pero hu ma kien wera l-ebda interess. Ghalhekk meta t-tifla twieldet jiena kont irregistrajt it-twelid taghha bhala missier li ma kienx maghruf mad-dipartiment.*

*Niftakar li wara li t-tifla kellha flit gimghat kont inzilt ma ommi hdejh il-hanut tieghu l-Ghadira u kont urejtu lill-bintu. Pero dan kien ghal xejn ghax ghal darba ohra ma rega' wera l-ebda interess fiha. Ghalhekk minn dakinhar jien rabbejt it-tifla wahdi minghajr ghajuna ta' missiera. D qatt ma talab biex jaraha u qatt ma ghen fit-trobbija taghha. Meta t-tifla kibret*

*pero hija riedet issir taf minn kien missierha u xtaqet ukoll li missiera jirrikonoxxija bhala bintu.*

*Intbghatu zewg ittri wahda permezz ta' l-avukat u l-ohra ufficjali pero` D W injorahom it-tnejn."*

Fit-3 ta' Dicembru 2014 Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA fejn gie certifikat li l-konvenut D W huwa fil-fatt missier l-attrici.

Fit-30 ta' Jannar 2015 il-konvenut D W pprezenta nota bil-konnotati kollha tieghu ghall-finijiet tal-annotament fir-Registru Pubbliku.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**

**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, **u dak l-istess tifel**, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA, li hi meqjusa bhala l-aqwa prova, ma jhallu l-ebda dubju li l-attrici hija bint il-konvenut D W.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-premessi tal-azzjoni attrici gew sodisfacentement ippruvati u li t-talbiet jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tal-konvenut W u tal-kjamat in kawza d-Direttur tar-Reigstru Pubbliku,  billi tilqa' t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara li l-attrici N S hija bint il-konvenut D W.

2. Tordna li fl-att tat-twelid tal-attrici jigu kancellati l-kliem "unknown father" u minflok jitnizzel bhala missier l-attrici isem u kunjom il-konvenut D W u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw min-nota li tinsab esebita fil-process a fol. 46.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut D W in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------